# It-Tempju Megalitiku tal-Qawra



*It-tempju llum*

Fl-inħawi ta' Buleben, il-Qawra, fl-1923, il-magħruf arkeoloġista Malti, Sir Temi Zammit, skopra Tempju tal-Perjodu Neolitiku (c3800-c2800 Q.K.). Dan is-sit ġie skavat fl-1928 taħt id-direzzjoni ta' Sir Temi Zammit u taħt is-supervizzjoni ta' L. J. Upton Way. Dan it-tempju kien jixbaħ oħrajn li nstabu fil-viċin, bħal dak f'Tal-Qadi (Salina) u ieħor fir-riħ tal-Mistra (Xemxija). Dawn it-tempji kollha kienu mibnija fi tliet partijiet (*trefoil*).

It-Tempju tal-Qawra, li llum jinsab fil-kumpless tan-New Dolmen Hotel, huwa mibni minn blokki tal-qawwi, ġebel li jiflaħ għar-riħ u l-baħar. Id-daqs ta' dawn il-ġebel hu ta' madwar 1.6 metri għoli u dan juri l-kapaċita u l-inġenjita tan-nies li bnewhom. Fost il-fdalijiet insabu ġebel imnaqqxa bil-mejander, is-simbolu forma ta' spirali li kien jirrapreżenta l-kontinwita tal-ħajja wara l-mewt. Li jagħmel lil dan it-tempju uniku fil-ġżejjer tagħna hi ġebla oħra li fuq naħa tagħha kien hemm minquxa tliet ħutiet u fuq in-naħa l-oħra ħuta waħda. Blokki oħra juru x-xewk tal-ħut. Dawn il-ġebel minħabba l-importanza tagħhom, sabu ruħom fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija, fil-Belt Valletta. Waħda mit-teoriji nteressanti rigward dawn il-ħut imnaqqxa fil-ġebel hi li filwaq li fit-tempji ffrekwentati mir-raħħala, aktar il-ġewwa fil-gżira, kienu jiġu offruti bħala sagrifiċċju l-annimali, li naraw imnaqqxa fuq il-ġebel ta' dawn it-tempji, it-Tempju tal-Qawra kien frekwentat minn komunita ta' sajjieda jew baħħara, li kienu joffru l-ħut. Il-viċinanza ta' dan it-tempju lejn il-baħar tagħmel din it-teorija waħda plawsibbli ħafna.



*It-tempju fil-perjodu ta' l-iskavi.*

Għalkemm żgħir u ma jingħatax l-importanza mistħoqqa, dan it-tempju fih fatturi nteressanti li ma' ssibhom f'ebda tempju ieħor. Biex iżżur dan it-tempju trid tidħol mill-bieb prinċipali tan-New Dolmen Hotel.